



IL-FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI (FEŻR)

Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) huwa wieħed mill-istrumenti finanzjarji ewlenin tal-politika ta' koeżjoni tal-UE. L-għan tiegħu huwa li jgħin biex jitnaqqsu d-disparitajiet bejn il-livelli ta' żvilupp tar-reġjuni Ewropej u li jnaqqas is-sottożvilupp tar-reġjuni li huma inqas favoriti. Tingħata attenzjoni partikolari lir-reġjuni li jbatu minn żvantaġġi naturali jew demografiċi gravi u permanenti, bħar-reġjuni tat-Tramuntana mbiegħda, li għandhom densitajiet ta' popolazzjoni baxxa ħafna, u reġjuni insulari, transkonfinali u muntanjużi.

IL-BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikolu 174 sal-Artikolu 178 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006.

Ir-Regolament (UE) Nru 1301/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw l-Investment li għandu fil-mira t-tkabbir ekonomiku u l-impjegi, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1080/2006.

L-OBJETTIVI

L-Artikolu 176 tat-TFUE jipprevedi li l-FEŻR hu maħsub biex jgħin fil-korrezzjoni tal-iżbilanċi reġjonali ewlenin li hemm fl-UE. Huwa jagħmel dan permezz ta' appoġġ:

- għall-iżvilupp u l-aġġustament strutturali tar-reġjuni li jinsabu lura fl-iżvilupp;
- għat-trasformazzjoni tar-reġjuni industrijali li jkunu sejrin lura.

Il-FEŻR għandu żewġ għanijiet ewlenin għall-perjodu 2014-2020, jiġifieri:

- investment fit-tkabbir u l-impjegi – immirati biex isaħħu s-suq tax-xogħol u l-ekonomiji reġjonali;



- il-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea (KTE) – immirata biex issaħħaħ il-kooperazzjoni transkonfinali, transnazzjonali u interreġjonali fi ħdan l-Unjoni Ewropea.

Ir-riżorsi assenjati lill-ewwel għan ser ikunu allokatil lil tliet kategoriji differenti tar-reġjuni:

- ir-reġjuni aktar żviluppati, li l-PDG *per capita* tagħhom hu iktar minn 90 % tal-medja tal-UE;
- ir-reġjuni fi tranżizzjoni, li l-PDG *per capita* tagħhom hu bejn 75 % u 90 % tal-medja tal-UE;
- ir-reġjuni inqas żviluppati, li l-PDG *per capita* tagħhom hu inqas minn 75 % tal-medja tal-UE;

Il-FEŻR jappoġġja wkoll żvilupp sostenibbli urban. Mill-inqas 5 % tal-allokkazzjoni tal-FEŻR għal kull Stat Membru għandha tkun allokata għal azzjonijiet integrati għal żvilupp sostenibbli urban li se jindirizzaw l-isfidi ekonomiċi, ambjentali, klimatiċi, demografiċi u soċjali li jaffettwaw żoni urbani.

Id-dettalji tal-allokkazzjoni u l-użu futur tal-fondi tal-FEŻR huma determinati fil-Ftehimiet ta' Sħubija. Dawn huma dokumenti strateġiċi mfassla minn kull Stat Membru bl-assistenza tas-sħab reġjonali u soċjali.

IL-KONĊENTRAZZJONI TEMATIKA

Billi l-FEŻR jagħti kontribut lill-Istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, irid jagħmel enfasi fuq il-prijoritajiet speċifikati f'din l-istrateġija. Il-prijoritajiet ewlenin huma:

- a. ir-riċerka u l-innovazzjoni;
- b. it-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni;
- c. l-imprezi żgħar u ta' daqs medju (SMEs);
- d. il-promozzjoni ta' ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju.

Il-livell ta' konċentrazzjoni meħtieġ ivarja skont il-kategorija tar-reġjuni li tkun qed tiġi appoġġjata. Reġjuni aktar żviluppati jridu jallokaw mill-inqas 80 % tar-riżorsi tal-FEŻR tagħhom għal tal-inqas tnejn minn dawn il-prijoritajiet u mill-inqas 20 % għall-promozzjoni ta' ekonomija b'livell baxx ta' karbonju. Reġjuni fi tranżizzjoni jridu jallokaw mill-inqas 60 % tar-riżorsi tal-FEŻR tagħhom għal tal-inqas tnejn minn dawn il-prijoritajiet u mill-inqas 15 % għall-promozzjoni ta' ekonomija b'livell baxx ta' karbonju. Reġjuni inqas żviluppati jridu jallokaw mill-inqas 50 % tar-riżorsi tal-FEŻR tagħhom għal tal-inqas tnejn minn dawn il-prijoritajiet u mill-inqas 12 % għall-promozzjoni ta' ekonomija b'livell baxx ta' karbonju.

IL-BAĠIT U R-REGOLAMENTI FINANZJARJI

Matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, l-UE se tkun nefqet aktar minn EUR 350 biljun fuq il-politika ta' koeżjoni. Dan huwa ugwali għal 32,5 % tal-baġit globali tal-UE. Madwar EUR 199 biljun huma allokatil lill-FEŻR. Dan jinkludi EUR 10,2 biljun



għall-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea (KTE) u EUR 1,5 biljun ta' allokkazzjonijiet speċjali għar-reġjuni ultraperiferiċi u sottopopolati.

Il-livell ta' kofinanzjament meħtieġ għal proġetti ffinanzjati mill-FEŻR huwa adattat għall-iżvilupp tar-reġjuni kkonċernati. Fir-reġjuni inqas żviluppati (u fir-reġjuni ultraperiferiċi), il-FEŻR jista' jiffinanzja sa 85 % tal-ispejjeż tal-proġett. Fir-reġjuni fi tranżizzjoni, din iċ-ċifra tista' tasal sa 60 % tal-ispejjeż tal-proġett, u fil-pajjiżi l-aktar żviluppati, sa 50 %.

PROPOSTA GĦAL POLITIKA TA' KOEŻJONI TAL-UE GĦAL WARA L-2020

F'Mejju 2018, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet regolamenti tal-politika ta' koeżjoni tal-UE għal wara l-2020. Dawn jinkludu:

- regolament dwar il-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni;
- regolament dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-għan tal-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea (Interreg).

Dawn il-proposti jżommu ż-żewġ għanijiet attwali tal-FEŻR: "Investiment għall-impjegi u t-*tkabbir*" u l-"Kooperazzjoni Territorjali Ewropea".

Huma jżommu wkoll il-konċentrazzjoni tematika għaż-żewġ prijoritajiet ewlenin: appoġġ għall-innovazzjoni, l-ekonomija diġitali u l-SMEs mogħtija permezz ta' strateġija ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti (PO1); u ekonomija aktar ekoloġika, b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u ċirkolari (PO2). Il-Kummissjoni Ewropea pproponiet ukoll lista ta' attivitajiet li ma għandhomx jiġu appoġġjati mill-FEŻR, inkluż appoġġ dirett lil intrapriżi kbar, infrastrutturi tal-ajruporti (minbarra fir-reġjuni ultraperiferiċi) u xi operazzjonijiet ta' ġestjoni tal-iskart (eż. miżbljet).

F'Lulju 2020, il-Kunsill Ewropew laħaq qbil dwar il-baġit fit-tul tal-UE għall-perjodu 2021-2027. Skont il-pożizzjoni tiegħu, matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027, madwar EUR 200,36 biljun se jkunu allokatati għall-FEŻR (inkluż EUR 7,93 biljun għall-KTE u EUR 1,93 biljun ta' allokkazzjonijiet speċjali għar-reġjuni ultraperiferiċi).

Dawn ir-regolamenti huma soġġetti għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja, li fiha l-Parlament Ewropew jinsab fuq l-istess livell mal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Dan ifisser li qabel tmim l-2020, dawn iż-żewġ istituzzjonijiet se jkollhom isibu kunsens dwar ir-regoli għall-FEŻR fil-futur.

F'Marzu 2019, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposti tal-Kummissjoni Ewropea.

IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Parlament Ewropew jinsab fuq l-istess livell mal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea f'dak li jirrigwarda t-tnejn tal-leġiżlazzjoni l-ġdida dwar il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej. Ir-Regolament tal-FEŻR għall-perjodu 2014-2020 kien soġġett għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja, li fiha l-Parlament għandu d-drittijiet kollha biex jipproponi bidliet. Matul in-negozjati dwar il-politika ta' koeżjoni tal-UE għall-perjodu 2014-2020, il-Parlament Ewropew irnexxielu jżid il-livell ta' flessibilità fl-



applikazzjoni tar-regoli dwar il-konċentrazzjoni tematika u l-prijoritajiet ta' investiment. Barra minn hekk, huwa saħħaħ l-appoġġ ipprovdut mill-FEŻR għall-bliet u għall-politiki urbani integrati.

Marek Kołodziejski
08/2020

